MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1196/2012

Ian **Michael Bellia**

**Vs**

**Joseph Cini u Alexandra Dalmas**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-30 ta' Novembru 2012, l-attur qieghed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf disa' mija u ghaxar ewro (Ewro28,910) bhala danni li sofra meta serquh minn gewwa d-dar 199, Triq il-Hena, Santa Maria Estate, Mellieha. L-attur ippremetta li d-dar kienet vojta sa mit-8 ta' Lulju 2011 peress li kien imsiefer u s-serqa saret bejn it-8 ta' Lulju 2011 u 3 ta' Awissu 2011. Fl-ammont li qieghed jippretendi hemm is-somma ta' Ewro600 bhala danni li saret fil-proprjeta tieghu.

Il-konvenuti baqghu kontumaci.

Fis-seduta tat-18 ta' April 2013 deher il-konvenut Cini u ddikjara li bejn it-22 ta' Lulju 2011 u d-19 ta' Awissu 2011 kien arrestat, fejn bejn it-22 ta' Lulju 2011 sat-3 ta' Awissu 2011 kien fl-isptar Mater Dei. Pero' mit-taghrif li nghata mid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi, jirrizulta li Joseph Cini kien detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kortin fis-7 ta' Awissu 2011 (fol. 264), cjoe wara li l-attur skopra li persuni mhux maghrufa dahlulu fid-dar u serquh.

F'dan il-kaz il-provi principali li l-konvenuti wettqu s-serqa hu t-test ta' DNA li sar minn samples li ngabru minn gewwa l-fond (ara deposizzjoni tas-surgent 36, Sergio

Azzopardi)[1]. Samples li gew paragunati ma' kampjuni (*buccal swabs*). Dan l-ezercizzju sar minn Dr Marisa Cassar fuq inkarigu tal-qorti li quddiemha qeghdin isiru l-proceduri kriminali li hemm kontra l-konvenuti. Dr Cassar ikkonkludiet li:-

*"L-ewwel analizi kienet harget DNA profile ta' mara u zewgt irgiel. L-inkarigu tieghi gie estiz. Kelli naghmel profile analysis ta' Joseph Cini u Alexandra Dalmas biex inqabbilhom mad-DNA profiles li kienu harguli mill-ewwel test li kont ghamilt. Bhala rizultat dawk li kienu ta' mara, qablu ma' dawk ta' Alexandra Dalmas. Dawk li kienu ta' ragel A, fl-ewwel analizi, qablu mas-Sur Joseph Cini. Jien biex ghamilt dan l-ezercizzju kelli niehu sample mis-saliva ta' Joseph Cini u Alexandra Dalmas."* (ara wkoll konkluzjoni ta' rapport a fol. 122).

Il-presenza ta' dawn it-tracci fid-dar tal-attur hi prova car li s-serq minn gewwa l-fond 199, Triq il-Hena, Santa Maria Estate, Mellieha twettaq minn dawn it-tnejn min-nies.

Fin-notament tal-Ispettur Joseph Mercieca, wiehed mill-ufficjali tal-pulizija nvolut fl-investigazzjoni, jinghad:

*"Lill-imputata Alexandra Dalmas kont kellimtha nhar il-11 ta' Awissu 2001, dakinhar kienet saritilha tfittxija d-dar, Kleigha Residence, Razett Majn f'tas-Salib, fejn hemmhekk instab il-washing basket b'xi hwejjeg u zarbuna ta' kulur ahmar. Dan l-istess washing basket kienu gharfuh id-derubati bhala taghhom, inkluz iz-zarbuna li kienet go fih."* (fol. 257-258).

Da hu ndizju iehor tal-involviment tal-konvenuta.

Ghal dak li jikkoncerna d-danni, l-atturipprezenta prospett tal-oggetti li nsterqu, bi stima tal-valur (fol. 241-248). Fir-rigward ta' certu oggetti huwa pprezenta wkoll ricevuta tal-hlas (fol. 14-41). Jirrizulta wkoll li xi oggetti li nsterqu kienu nghataw lura (ara deposizzjoni tal-attur fil-proceduri kriminali (fol. 184) u dikjarazzjoni ta' Diane Szyszka a fol. 171)[2]. L-oggetti li nsterqu jinkludu hwejjeg, fwieha, oggetti elettronici, flus, kollezzjonijiet ta' muniti, *jewellery* tan-nisa u oggetti ohra. B'kollox valur ta' dsatax-il elf mitejn u sittin ewro (Ewro19,260). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

i. fir-rigward ta' hafna mill-oggetti ma gietx prezentata ricevuta tax-xiri u m'hemmx taghrif dwar meta nxtraw. Ovvjament dan ma jfissirx li l-attur m'ghandux jedd li jigi kkumpensat ghat-telf li sofra in kwantu m'huwiex mistenni li jkun zamm ricevuta ta' kull oggett li nxtara.
ii. Hafna mill-mobbli nghataw valur approssimattiv.
iii. M'huwiex maghruf meta nxtraw il-mobbli li dwarhom l-attur ma pprezentax ir-ricevuta li turi l-prezz li hallas biex xtrahom.
iv. Hafna mill-mobbli li jissemmew fid-dokument li l-attur ipprezenta fit-3 ta' Ottubru 2013, jiddeprezzaw fil-valur.

[1] Jirrizulta li dawn kienu jikkonsistu fi hwejjeg, parti minn sigaretti, u ticpis hamrani li gew elevati minn gewwa l-fond tal-attur.

[2] Skond l-attur, kienu nstabu oggetti fid-dar numru 200, Triq il-Hena, Mellieha (fol. 128).

Fic-cirkostanzi l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta’ hmistax-il elf ewro (Ewro15,000) ma’ liema somma ghandhom jizdiedu sitt mitt ewro (Ewro600) biex taghmel tajjeb ghall-hsara li saret fid-dar meta twettqet is-serqa, cifra li ghall-hsara li saret tidher li hi gusta.

**Ghal dawn il-motvi l-qorti qeghda tilqa’ t-talbiet tal-attur b’dan li ghal finijiet ta’ danni qeghda tillikwida s-somma ta’ hmistax-il elf u sitt mitt ewro (Ewro15,600), ammont li l-konvenuti qeghdin solidalment jigu kundannati jhallsu lill-attur[3]. Bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti**.

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Artikolu 1049 tal-Kodici Civili (Kap. 16).